MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 194/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Denfar Excavations Limited (C-10272)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Marzu, 2006, fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija u disgha u tmenin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm1489.93), in konnessjoni ma' hsarat minna kkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici fi Triq Guze Cardona, Hal-Qormi, liema hsara giet ikkawzata fl-20 a' Novembru, 2004, u dan skond fattura bir-referenza MC 01011 datata 6 ta' Jannar, 2006 (GT3/04/55).**
**Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u**

**ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni..**
**Bl-imghax u bl-ispejjez legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 t'April, 2006 ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddijaraha responsabbli ghall-hsarat jagunati, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba' mija u disgha u tmenin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm1489.93) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-27 ta' Marzu, 2006, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------